MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 246/2011

**Patrick Pace ezercenti l-kummerc bl-isem APA Import/Export**

**Vs**

**John Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Patrick Pace, ezercenti l-kummerc bl-isem APA Import/Export, fit-2 ta' Awwissu 2011 permezz ta' liema jitlob li John Muscat jigi kkundannat ihallsu s-somma komplessiva ta' tlett elef seba' mija erbgha u tmenin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,784.51), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu fuq inkarigu tieghu stess u dan in kwantu ghas-somma ta' mitejn u disghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€290.72) in konnessjoni ma' l-istabiliment bl-isem Enoteca Salumeria, kwantu ghas-somma ta' mija sitta u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€126.62) in konnessjoni ma' l-istabiliment Breadmill u kwantu ghas-somma ta' tlett elef tlett mija hamsa u erbghin Euro u dsatax-il centezmu (€3,345.19) in konnessjoni ma' l-istabiliment Dolceria Italiana, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' kull fattura sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1657/11 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors, kontra John Muscat;

Rat ir-Risposta ta' John Muscat permezz ta' liema jeccepixxi: (i) preliminarjament li huwa fil-kapacità tieghu personali ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur f'din il-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament ukoll, it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur; u (iv) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar 2012[1] u tad-9 ta' Ottubru 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PP1" sa' Dok. "PP7" a fol. 19 sa' 36 tal-process u Dok. "PP8" sa' Dok. "PP10" u Dok. "PP14" a fol. 60 sa' 75 tal-process u rat id-dokumenti markati Dok. "PP11" sa' Dok. "PP13" u Dok. "PP15" li a tenur ta' Digriet datat 9 ta' Ottubru 2012[3] qed jinzammu fis-Sigrieta tal-Qorti, semghet ix-xhieda ta' Stefan Farrugia moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[4], ix-xhieda ta' Alex Pace moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012[5] u x-xhieda ta' Manuel Darmanin, in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[6] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "MD1" a fol. 53 sa' 55 tal-process;

Rat li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2013[7] il-konvenut iddikjara li ma ghandux provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1657/11 allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur, ezercenti l-kummerc bl-isem APA Import/Export, jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma komplessiva ta' €3,784.51, rapprezentanti prezz ta' merkanzija – konsistenti f'materja prima in konnessjoni ma' pasticcerija – mibjugha u konsenjata minnu lill-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess konvenut. L-ammont pretiz mill-attur jikkonsisti: (i) fis-somma ta' €290.72 ghal merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Enoteca Salumeria; (ii) fis-somma ta' €126.62 ghal merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Breadmill; u (iii) fis-somma ta' €3,345.19 ghal merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Dolceria Italiana.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet, fosthom l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-

[1] Fol. 37 sa' 39 tal-process.
[2] Fol. 76 sa' 81 tal-process.
[3] Fol. 59 tal-process.
[4] Fol. 40 u 41 tal-process.
[5] Fol. 50 u 51 tal-process.
[6] Fol. 56 sa' 58 tal-process.
[7] Fol. 83 tal-process.

Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni qed tigi trattata u deciza b'din is-sentenza.

L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.* Ghalhekk, il-konvenut qed jinvoka l-preskrizzjoni kwinkwennali fil-konfront ta' l-azzjoniattrici, liema terminu ta' preskrizzjoni però qed jigi kontestat mill-attur stante li skontu l-konvenut fi zminijiet recenti, ossia fl-ahhar hames snin qabel l-ftuh ta' dawn il-proceduri, effettwa pagamenti akkont ta' l-ammonti dovuti fuq kull wiehed mit-tlett stabilimenti imsemmija w ukoll l-istess konvenut gie notifikat b'ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra giet minnu kontestata.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick, Appell Civili Nru. 544/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005, *huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum: (1) L-inapplikabilità ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika. ... (2) is-sospensjoni; (3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi b'certa attitudini tieghu il-konvenut debitur qieghed lilu nnfisu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli il-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet previsti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili. Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts. Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.* ***Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti***[8]*. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probate". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi*

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.

*akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzoni. (Kollez. Vol. XXX Pi p989). Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII PIII p723).*

Ghall-fini li jissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqu f'dan il-kaz l-attur, apparte li xehed huwa stess[9], ressaq bhala xhieda fost ohrajn lil Stefan Farrugia[10], *sales representative* tieghu, u lil Alex Pace[11] li jiehu hsieb l-*administration* tan-negozju gestit minnu u esebixxa *statements of account* u *customer activity reports* pertinenti ghal kull wiehed mill-istabilimenti mertu tal-kontestazzjoni ossia Enoteca Salumeria, Breadmill u Dolceria Italiana, minn liema jirrizultaw id-diversi transazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenut u l-pagamenti effettwati matul iz-zmien da parte tal-konvenut[12], kif ukoll l-ahhar ricevuti mahruga favur il-konvenut[13].

Fir-rigward tal-modalità tal-hlasijiet da parte tal-konvenut, Stefan Farrugia xehed illi *meta kont immur ghand il-konvenut jien kont nircievi wkoll pagamenti. L-ircevuti kont nohroghom jien, niffirma fuqhom u naghti kopja lil John Muscat. John Muscat naturalment dejjem kien ikollu kopja ta' dawn l-ircevuti. L-ircevuti kienu johorgu b'mod illi, per ezempju fir-rigward ta' Dolceria Italiana kienu jithallsu l-invoices specifici, u allura l-ircevuta tohrog kontriha. Meta kienu jsiru pagamenti on account, kienu l-accounts ta' l-APA li kienu jallokaw il-pagament, u dan jiddependi skond fejn ikun hemm l-iktar invoices antiki. Madanakollu li rrid nghid li l-konvenut kull meta hrignilu ricevuti dejjem accettahom u qatt ma kkontestahom. John Muscat qatt ma ikkontesta dawn l-ircevuti u fil-fatt kien hemm anke okkazzjonijiet fejn jirrigwardja d-Dolceria Italiana fejn kien jghidli hu stess biex ghall-pagament imur lejn dak il-hanut ghar-raguni li hemm kellu l-invoices l-aktar antiki. Jiena qatt ma rcevejt l-ebda forma ta' ilment minghand John Muscat biex jiggustifika l-fatt li ma hallasx.* L-attur, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, spjega li l-konvenut kien jeffettwa hlasijiet jew versu fatturi specifici jew inkella akkont tal-bilanci dovuti u dawn il-hlasijiet u l-allokazzjoni taghhom tirrizulta mill-*customer activity reports* esebiti bhala Dok. "PP8" sa' Dok. "PP10" a fol. 60 sa' 72 tal-process. Spjega wkoll illi dawk il-fatturi li fuq il-*customer activity reports* huma mmarkati b'*asterix* huma l-fatturi li ghadhom pendenti u li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proceduri. Alex Pace da parte tieghu ddikjara li *maghna John Muscat kellu tlett accounts. Jien personlament ukoll ghamilt diversi kuntatti mieghu fir-rigward ta' hlasijiet. Hlasijiet kienu jsiru però imbaghad beda jaqa' lura fil-pagamenti. Kien anke sar ftehim biex is-salesman imur jigbor il-hlasijiet, xi hlasijiet gabarhom*

[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012 a fol. 37 sa' 39 tal-process u xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012 a fol. 76 sa' 81 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012 a fol. 40 u 41 tal-process.
[11] Xhieda mogtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012 a fol. 50 u 51 tal-process.
[12] Dok. "PP1" sa' Dok. "PP5" a fol. 19 sa' 35 tal-process u mill-gdid Dok. "PP8" sa' Dok. "PP10" a fol. 60 sa' 72 tal-process.
[13] Dok. "PP14" a fol. 73 sa' 75 tal-process.

*imma imbaghad rega' beda jaqa' lura fil-pagamenti. Jien kellimt lill-konvenut diversi drabi personalment u anke mort fuq il-post. Jien kont immur fid-Dolceria Italiana. Jien kont immur fl-ufficcju tieghu li jigi taht id-dolcerija. Jien l-ahhar li mort ghand il-konvenut kien madwar tlett snin ilu ghax imbaghad kien beda jaqa' lura hafna fil-pagamenti u ttiehdet id-decizjoni li jsiru l-passi gudizzjarji. It-tlett kontijiet huma intestati Dolceria Italiana, Enoteca u Breadmill*[14].

Dak dikjarat mill-attur u minn Stephen Farrugia dwar il-hlasijiet effettwati mill-konvenut u dwar il-modalità ta' l-istess, ossia li l-konvenut gieli kien ihallas fatturi specifici u gieli kien ihallas akkont tal-bilanci pendenti, jirrizulta ikkonfermat mill-*customer activity reports* esebiti mill-attur, liema *customer activity reports* ma gew bl-ebda mod kontradetti jew kontrastati mill-konvenut.

Minn dawn ir-rapporti jirrizulta li l-ahhar hlasijiet mill-konvenut fuq kull wiehed mill-kontijiet li ghandu pendenti ma' l-attur gew effettwati: (i) fl-24 ta' Novembru 2008 fir-rigward ta' Enoteca Salumeria fejn hallas l-ammont ta' €18.17, (ii) fl-24 ta' Gunju 2010 fir-rigward ta' Dolceria Italiana fejn hallas l-ammont ta' €26.74; u (iii) fit-23 ta' April 2010 fir-rigward ta' Breadmill fejn hallas l-ammont ta' €29.30. Dawn il-hlasijiet però ma kienux akkont tal-bilanc pendenti izda kienu hlasijiet ta' fatturi specifici u ghalhekk ftit li xejn jistghu ikunu ta' siwi ghall-finijiet ta' kalkolu relattiv ghall-preskrizzjoni.

Il-hlasijiet li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' preskrizzjoni u b'mod partikolari ghall-finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni huma l-hlasijiet akkont li gew effettwati mill-konvenut. Mill-istess rapporti jirrizulta li l-ahhar hlas akkont fir-rigward tal-kont ta' Entoeca Salumeria gie effettwat fit-**12 ta' Awwissu 2008** ghall-ammont ta' €145.77, l-ahhar hlas akkont fir-rigward tal-kont ta' Dolceria Italiana gie effettwat fit-**23 ta' Gunju 2010** ghall-ammont ta' €50 u l-ahhar hlas akkont fir-rigward tal-kont tal-Breadmill gie effettwat fit-**13 ta' Mejju 2009** ghall-ammont ta' €148.60. Li dawn it-tlett hlasijiet kienu akkont tal-bilanci pendenti jirrizulta ikkonfermat mit-tlett ricevuti mahruga fir-rigward ta' kull pagament, esebiti mill-attur ilkoll flimkien bala Dok. "PP14" a fol. 73 sa' 74 tal-process, li kjarament juru li l-hlas kien qed isir u jigi accettat *on account*. Jigi osservat illi l-ebda wahda minn dawn it-tlett ricevuti ma giet kontradetta jew kontrastata mill-konvenut, hekk kif ukoll dak dikjarat mill-attur u mix-xhieda minnu prodotti ma gie bl-ebda mod kontradett jew kontrastat mill-konvenut.

B'hekk fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 2134 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ossia li *l-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih*, it-terminu preskrittiv ta' hames snin previst fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jitiqes li gie interott fid-dati meta gew effettwati l-imsemmija

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, fol. 50 u 51 tal-process.

hlasijiet akkont u li rega' beda jiddekorri appuntu mit-12 ta' Awwissu 2008 in kwantu rigwarda l-bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Enoteca Salumeria, mit-23 ta' Gunju 2010 in kwantu rigwarda l-bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Dolceria Italiana u mit-13 ta' Mejju 2009 in kwantu rigwarda l-bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut in konnessjoni ma' l-istabiliment Breadmill.

Il-proceduri odjerni gew istitwiti **fit-2 ta' Awwissu 2011** u r-Rikors promotur gie notifikat lill-konvenut fid-**29 ta' Novembru 2011**, entrambe dati entro t-terminu ta' hames snin dekoribbli minn kull wahda mid-dati iktar 'l fuq indikati. Apparte minhekk hemm ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet kontendenti waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2013 illi l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1657/11 datata **14 ta' April 2011**, mibghuta mill-attur lill-konvenut, dejjem entro t-terminu ta' hames snin, giet effettivament notifikata lill-konvenut u ghalhekk minnha infisha hija kawza ohra li twassal ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2128 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li t-terminu preskrittiv ta' hames snin stipulat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta gie interrott u ma lahaqx iddekorra sal-prezentata ta' dawn il-proceduri. Konsegwentement ghalhekk kjarament u sodisfacentement jirrizulta li l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta u ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez giudizzjarji konnessi ma' din id-decizjoni ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------